# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 13 ta' Marzu 2025

Każ Nru. 385/2023

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ronald Debrincat**
**(K.I. Nru 0352096M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Ronald Debrincat,** detentur tal-karta ta' l-identita' 0352096M, iben Carmel Debrincat u Marija nee' Buttigieg, imwieled Awstralja fis-27 ta' Mejju 1985 u residenti f' 83, Aphrodite, Triq ta' Ġokk, Xewkija, Għawdex talli nhar l-10 ta' April 2023 u l-ġranet ta' qabel ġewwa triq Santa Marija Xewkija, Għawdex:

Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita' dritt li tippretendi li għandek, ġegħlet bl-awtorità tiegħek innifsek lil Zaru Vella ID: 0464591M, Johnny Xerri ID: 5485G u Melissa Carmen Portelli ID: 291399M, iħallas

dejn jew jesegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilthom il-pussess ta' ħwejjiġhom b' xi mod ieħor kontra l-liġi jew indħalt fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor. **Art. 85(1) Kap. 9**

Rat il-Verbal tal-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' April 2024.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-9 ta' Mejju 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-13 ta' Ġunju 2024, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa' tisma' x-xhieda u milli terġa' tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti u minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li fis-16 ta' Frar 2023 PS 1462 J. Attard kien xogħol ġewwa l-għassa tar-Rabat, Għawdex, meta l-kwerelanti Zaru Vella, Johnny Xerri, u Melissa Carmen Portelli marru jagħmlu rapport ta' kontra l-akkużat Ronald Debrincat. Il-kwerelanti stqarrew li huma għandhom l-għelieqi ġewwa triq Santa Marija, Xewkija Għawdex li għandhom aċċess u passaġġ però' l-akkużat kien ser jagħlqilhom l-aċċess billi kien se jwaħħal bieb. Il-pulizija kellmu l-akkużat Ronald Debrincat ġewwa l-għassa fejn irrilaxxa stqarrija. Sussegwentement fit-28 ta' Frar 2023 l-avukat tal-kwerelanti, Dr Marcette Portelli Xerri għamlet kuntatt ma' l-għassa u nfurmathom biex ma' jipproċedux kontra Ronald Debrincat fuq ir-rapport li kien sar mill-kwerelanti preċedentement.

Ġara illi fl-10 ta' April 2023 il-kwerelanti reġgħu marru jagħmlu rapport ġewwa l-għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex fejn stqarrew li kienu bdew proċeduri fil-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili in konnessjoni mar-rapport li kienu għamlu preċedentement fil-konfront ta' Ronald Debrincat u fil-fatt kien inħareġ mandat t' inibizzjoni fil-konfront ta' Debrincat stante li għandu kameras tas-sigurtà li jħarsu fid-direzzjoni tal-proprjetà tal-kwerelanti. Dwar dan ir-rapport il-pulizija rċeviet kwerela mingħand il-kwerelanti sabiex jittieħdu passi legali dwar *pretended rights* kontra Ronald Debrincat. Fil-fatt il-pulizija reġgħet kellmet lil Ronald Debrincat li reġa' rrilaxxa stqarrija u ġie infurmat li kienu ser jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu[1].

Ikkunsidrat;

Xehed Frank Paul Pace f' dawn il-proċeduri[2] fejn qal li fit-8 ta' April 2023 bejn l-10:30 u l-11:00 ta' filgħodu ltaqa' ma Johnny ħdejn id-dar. Huwa qal li l-ġurnata ta' qabel l-akkużat, kien waħħal bieb u għalhekk ix-xhud qal lil Johnny li kien ser imur jittawwal l-għalqa li qiegħda fi triq Santa Marija, Xewkija. Hemmhekk ra li l-akkużat kien waħħal kameras tas-sigurtà mar-raba. Spjega li din ir-raba' ilha fil-familja tagħhom għal aktar minn tletin sena, stqarr li kienet tappartjeni lil missieru u minn dejjem jiftakarha ta' missieru u li kienu jaħdmuha. Huwa stqarr li huma għandhom ir-raba' biswit tal-akkużat. Huwa kompla jgħid li l-kameras hemm għadhom imwaħħlin u juru min ikun dieħel fl-għalqa tiegħu. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud preċiża li dawn il-kameras huma imwaħħlin ma' fond proprjetà ta' l-akkużat u jħarsu għal ġor-raba' tal-parte ċivile. Qal li l-*wires* tal-kameras huma mwaħħlin tul ir-raba' tiegħu u tal-parte civile. In kontro eżami x-xhud qal li l-bieb li rrefera għalih fix-xhieda tiegħu m' għadux hemm. Ix-xhud ikkonferma li hemm id-dar propjetà tal-akkużat u tmiss magħha hemm ir-raba'. Ir-raba' kontigwa ma' din id-dar hija proprjetà ta' l-akkużat u r-raba' l-oħra, li tmiss ma din ir-raba', hija propjetà tal-parte ċivile. In kontro eżami, ix-xhud ikkonferma li huwa qatt ma' kellu tfixkil milli jidħol fl-għalqa tiegħu. Xehed li l-kameras idejquh.

[1] Ara l-affidavit ta' PS 1462 J. Attard a fol. 5 sa 9 ta' l-atti proċesswali.
[2] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2023 a fol. 11 sa 16 ta' l-atti proċesswali.

Xehdet Melissa Portelli[3] fejn qalet li nhar it-8 ta' April 2023 bejn l-10:30 u l-11:00 ċemplitilha oħtha Jane Saliba li qaltilha biex tmur l-għalqa fix-Xewkija Għawdex, għaliex kienu qed iwaħħlu l-kameras. Hija qalet li meta wasslet fuq il-post kien hemm kulħadd inkluż Ronald Debrincat u l-ġenituri tiegħu. Kompliet tistqarr li Ronald qalilha li kien qed iwaħħal il-kameras fi ħwejġu iżda hi qaltlu li hemm ma' kienx tiegħu iżda tagħhom. Illi x-xhud eżebit sensiela ta' ritratti li fihom huwa indikat il-fond ta' l-akkużat u jidhru ukoll l-kameras ta' sigurtà li ġew installati. Wieħed mir-ritratti jindika l-entratura għall-egħlieqi tal-parti leża kif ukoll ir-raba' li tippartjeni lilhom. Minn ritratt ieħor eżebit minn din ix-xhud jirriżulta li l-akkużat waħħal kamera li ddur. Din il-kamera ġiet imwaħħla fuq wara tal-fond ta' l-akkużat u fil-fatt tirriżulta mir-ritratti eżebiti bħala MP3 u MP4, liema ritratti ttieħdu mill-proprjetà tagħha stess. Ġiet eżebita wkoll pjanta li tindika l-egħlieqi rispettivi tal-parti leża. Minn din il-pjanta jirriżultaw il-partijiet differenti ta' l-egħlieqi kemm tal-akkużat kif ukoll tal-parti leża u kif inhuma maqsumin. Hija eżebit ukoll filmat meħud minnha stess minn fuq il-proprjeta' tagħha. Dan il-filmat juri lilha dieħla fil-proprjetà tagħha, r-raba' u kif ukoll il-kamera li ddur. Melissa Portelli kompliet tispjega li l-wires tal-kameras qegħdin imwaħħlin mal-ħitan ta' postijiet oħra. In kontro eżami[4] x-xhud stqarret li l-proprjetajiet ma' fejn twaħħlu l-wires mhumiex tagħhom. Hija spjegat l-ambjenti ta' fejn twaħħlu dawn il-kameras. Stqarret ukoll li hija ma' ġietx imfixkla milli tidħol fil-proprjetà tagħha. Hija qalet li l-kameras idejquha għaliex turi kull meta tidħol u toħroġ kif ukoll dak kollu li tagħmel.

Xehed Żaru Vella[5] li qal li nhar it-8 ta' April 2023 flimkien ma' martu għaddew minn ħdejn l-egħlieqi tagħhom fi Triq Santa Marija x-Xewkija. Huwa spjega li l-għelieqi jappartjenu 'l erbgħa aħwa flimkien u fil-fatt kienu jaħdmuha flimkien. Spjega li marru jiċċekkjaw dwar bieba li kienet twaħħlet sabiex tagħlaq l-aċċess għall-egħlieqi iżda kienet tneħħiet. Hemmhekk iltaqa' ma' l-akkużat li qallu li kien ser iwaħħal il-kameras. Qal ukoll li kuġintu Melissa kienet qaltlu li l-akkużat kien waħħal kamera 360 degrees fuq in-naħa ta' wara. Ix-xhud qal li kien ra din il-kamera ukoll. Ix-xhud stqarr li din il-kamera ddejjqu għaliex xi ħadd ikun qiegħed jarah waqt li jkun qed

[3] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2023 a fol. 17 sa 27 ta' l-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2024 a fol. 211 ta' l-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2023 a fol. 28 sa 30 ta' l-atti proċesswali.

jaħdem. In kontro-eżami[6] x-xhud ikkonferma li l-kamera ma' għamlet l-ebda ostakolu. Qal li l-inċident fejn l-akkużat kien waħħal bieb u r-rapport tal-kameras ma seħħewx fl-istess perjodu. Spjega li l-akkużat għandu numru ta' kameras. Qal li tul l-aħħar sentejn hu mar l-għalqa biss kemm jittawwal.

Xehed Johnny Xerri[7] li qal li nhar it-8 ta' April 2023 bejn l-10:30am u l-11:00am Melissa Portelli nformatu li l-akkużat u xi ħaddiema kienu qed jimbarraw l-bieba ta' l-entratura bl-injam. Huwa stqarr li qal lill-akkużat li ma setax jagħlaq l-aċċess għaliex dik kienet proprjetà tiegħu u barra minn hekk dejjem jiftakar dan l-aċċess miftuħ. Sussegwentement, ix-xhud qal, li bdew jargumentaw dwar ta' min kienet il-proprjetà' bl-akkużat jgħid li kien xtraha hu. Imbagħad hu mar jgħid lil Frank Pace li min-naħa tiegħu mar jittawwal u nduna li kienu qed jitwaħħlu l-kameras għax fil-fatt mar jgħidlu. Ix-xhud stqarr li huwa xorta waħda baqa' jista' jidħol fl-għalqa u fil-fatt in kontro-eżami[8] huwa kkonferma li ħadd ma fixklu milli jidħol fl-għalqa tiegħu. Huwa qal li dejquh il-kameras iħarsu fuqu kull meta jidħol fil-proprjetà tiegħu. Huwa stqarr li l-kameras huma mwaħħlin ma' l-appoġġ tal-proprjetà fejn jirrisjedi l-akkużat.[9]

Ikkunsidrat

Illi l-akkużat xehed f' dawn il-proċeduri[10] u qal illi fit-2021 ra li l-proprjetà fl-indirizz 10,11, Triq Santa Maria, Xewkija kienet għall-bejgħ u peress illi kien jaf xi wħud mill-bejjiegħa beda' proċess biex jixtriha. Il-kuntratt fuq din il-proprjetà sar f' April 2022 u f' Ottubru u Novembru 2022 sar it-tieni fażi tal-kuntratt. Għal ħabta ta' Jannar ċempillu xi ħadd li qallu li kien hemm xi nies jgħixu fil-proprjetà li kien xtara u staqsieh kienx krieh u qallu li le. Huwa mar fuq il-post u rriżulta li fil-fond kien hemm xi nies ta' nazzjonalità barranija. Allura beda' l-proċess biex jagħlaq il-faċċata tad-dar. Wara li waħħal l-ewwel bieb u ġie biex iwaħħal it-tieni wieħed ġie imwaqqaf mill-pulizija peress illi l-parti leża Melissa Portelli, Żaru Vella u Johnny Xerri kienu għamlu rapport kontrih dwar għalqa li tagħmel parti mill-proprjetà li kien xtara. Peress illi għadda ż-żmien u ma' ġewx pprovduti l-kuntratti relattivi lill-pulizija mill-

[6] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2024 a fol. 220 ta' l-atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2023 a fol. 31 sa 35 ta' l-atti proċesswali
[8] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2024 a fol. 196 ta' l-atti proċesswali.
[9] Ara x-xhieda tiegħu in kontro-eżami mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2024 a fol. 196 sa 202 ta' l-atti proċesswali
[10] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-14 ta' Novembru 2024 a fol. 245 sa 270 ta' l-atti proċesswali.

parti leża dawn infurmawh li r-rapport kien ser jaqa'. Peress li kien għad kellu bieb miftuħ installa l-kameras. Il-parti leża Frank Pace rah jinstalla dawn il-kameras u mar iwaqqfu iżda l-akkużat ċempel lill-pulizija li marru fuq il-post u seta' jkompli bix-xogħol. Huwa qal li l-pulizija ma' waqqfuhx milli jwaħħal il-kameras għax kien qed iwaħħalhom fil-proprjetà tiegħu. Waħħal waħda fuq wieħed mill-bibien tal-faċċata, oħra fuq bieb ieħor tal-faċċata u oħra fuq ġewwa li turi fuq il-proprjetà' li xtara. Dawn kollha waħħalhom mal-ħitan tal-binja. Wara li waħħal il-kameras irċieva mandat t' inibizzjoni. Ix-xhud spjega li huwa waħħal il-kameras sabiex ħadd ma jidħollu fil-proprjetà tiegħu peress illi din kienet miftuħa u hu kien responsabbli għal dak kollu li jiġri hemmhekk u biex ikollu x' juri fil-każ li jinqala xi ħaġa. Fil-fatt spjega li l-kameras juru l-proprjetà li kien xtara. L-akkużat kompla jispjega li waħda mill-kameras ddur sabiex iġġib id-dawra kollha ta' l-għalqa. Huwa nnega li tali kamera ssegwik meta tiċċaqlaq. In kontro eżami l-akkużat qal li hu ma waħħalx aktar kameras kif kellu f'moħħu li jagħmel b' rispett tal-parti leża. L-akkużat eżebixxa sensiela ta' dokumenti, fosthom sett ritratti u pjanti. Huwa spjega li wieħed mir-ritratti juri l-proprjetà qabel ma' xtraha hu u qal li hemm l-egħlieqi mal-bini. Huwa stqarr li qabel ma xtara kien hemm bieb magħluq li kien mal-faċċata u kien hemm żewġ bibien oħra li wieħed minnhom kien magħluq b' tank tal-ħadid. Skont l-akkużat waqt li kien fuq konvenju biex jixtri din il-proprjetà kemm il-bieb u kif ukoll it-tank tneħħew. Hu spjega li kien mar hemmhekk u ma sabhomx hemmhekk. L-akkużat qal li il-passaġġ kien imbarrat bit-tank għaliex dan kien mimli bil-ġebel u trab u allura wieħed ma' setax iċaqalqu. Huwa kompla jispjega li minn għand min kien xtara l-proprjetà kienu qalulu li kien hemm xatba li imbagħad kienet tneħħiet u minflokha tqiegħed it-tank. Spjega ukoll li kien hemm tank ieħor li kien vojt. Huwa kompla jgħid li xi drabi kien jgħaddi mill-post in kwistjoni u kien jara t-tank u drabi oħra ma' kienx jarah hemmhekk.

Illi l-akkużat eżebixxa numru ta' kuntratti u pjanti minn fejn jirriżulta kull porzjon t' art li kien xtara.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkuża unika miġjuba kontra l-akkużat hija ppernjata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-elementi ta' dan ir-reat ġew elaborati u eżaminati f' diversi

sentenzi tal-Qrati tagħna. Din il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**[11] fejn ġie ritenut illi:

> *"Li r-reat ikkontemplat fl-artikolu 85 għandu erba' elementi:*
>
> *a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;*
>
> *b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;*
>
> *ċ) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;*
>
> *d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi;"*

Illi biex jissussisti dan ir-reat mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-*parti leża* għandha titlu fuq l-oġġett jew il-proprjetà in kwistjoni. Li huwa meħtieġ hu li l-parti leża għandha sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**[12] il-Qorti riteniet illi:

> *"Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.*
>
> *Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-*

[11] **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, Qorti tal-Appell Kriminali, 20 ta' Ġunju 2014, (Appell Krim. Nru 225/2013).
[12] **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas,** Qorti tal-Appell Kriminali, 22 ta' Ottubru 2001, (App. Nru 123/2001).

*kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni."*

Ikkunsidrat;

Illi Żaru Vella, ossia wieħed mill-kwerelanti, xehed li r-raba hija maqsuma bejn erbgħa branki u lkoll jaħdmuha. Di più, l-kwerelanti l-oħra xehdu li huma kienu jidħlu fl-għelieqi tagħhom rispettivi. Il-Qorti tinnota li fl-ebda mument ma' ġie kontradett mid-difiża li l-parte leża għandhom il-pussess tar-raba. Għalhekk, jirriżulta lill-Qorti illi kemm mix-xhieda mogħtija quddiem din il-Qorti, kif ukoll mill-atti tal-proċedura ta' Mandat ta' inibizzjoni[13] ppreżentati f'dawn l-atti, il-kwerelanti għandhom il-pussess effettiv tal-ambjenti *de quo* u konsegwentement, l-ewwel element tar-reat odjern, ossija dak tal-pussess jew tgawdija, ġie sodisfatt mill-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda jirriżulta li l-ilment tal-*parti leża* jirrigwarda l-kameras ta' sigurtà li waħħal l-akkużat. Il-kwerelanti kollha xehdu illi għalkemm fiżikament ma' ġewx disturbati fil-pussess tagħhom tar-raba, il-kameras ideqjuhom peress li dawn jinfrinġu fuq il-privatezza tagħhom u ma jridux li l-akkużat ikun jaf meta jmorru u x'ikunu qed jagħmlu meta jmorru. Mill-affidavit ta' PS 1462[14] jirriżulta illi r-rapport li għamlu l-kwerelanti fl-għassa tar-Rabat Għawdex, jirrigwardja t-twaħħil ta' parti tal-akkużat ta' kameras ta' sigurtà li jagħtu għal fuq l-ambjenti tagħhom.

Illi l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael (Michael-Joseph Hudson) u Sylvia Mary Hudson**[15] fejn il-fatti jirrigwardaw l-installazzjoni ta' kameras ta' sigurtá għal fuq ambjenti komuni mingħajr awtorizzazzjoni. F'dik is-sentenza ġie ritenut illi:

[13] Giorgia Vella et vs Ronald Debrincat et, Nru 15/2023 SG, a fol 38 sa 171 ta' l-atti proċesswali.
[14] Affidavit ta' PS 1462 J. Attard a fol. 5 sa 9 ta' l-atti proċesswali.
[15] **Il-Pulizija vs Michael (Michael-Joseph Hudson) u Sylvia Mary Hudson,** Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Settembru 2022, (App. Nru 64/2022).

*"L-appellanti …… ….. Jikkontendu illi bl-aġir tagħhom ma jistax jingħad illi ġie ppreġudikat ebda jedd li l-kwerelanti jistgħu talvolta igawdu ukoll għaliex il-kamera tas-sigurta' qed tiġbed filmat mill-partijiet komuni għar-residenzi rispettivi tagħhom.*

*Issa l-Qorti mhijiex imsejħa f'din l-istanza sabiex tqies jekk il-mod kif il-kamera qed tiġbed il-filmat tiksirx xi regolament dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, u jekk is-sanzjonijiet maħsuba f'dawk ir-regolamenti jkoprux il-fattispeċje tal-każ in diżamina billi id-data li qed tiġi ipproċessata f'dan il-kaz tirrigwarda filmati li jiġbdu proprjeta' privata li tappartjeni ukoll lill-appellanti, u allura jekk tapplikax 'l hekk imsejħa household exemption maħsuba fl-artikolu 4(1)(c) tal-Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Jingħad biss illi fil-każ spiss ċċitat deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ta' Frantisek Rynes vs Urad (CJEU – C- 212/13)7 kien deċiż:*

***…the image of a person recorded by a camera constitutes personal data … inasmuch as it makes it possible to identify the person concerned..." and that "…surveillance in the form of a video recording of persons, as in the case before the referring court … constitutes …the automatic processing of personal data" (Paragraphs 22 and 25).***

***"As is clear from Article 1 … and Recital 10 …(that) .. Directive 95/46 is intended to ensure a high level of protection of the fundamental rights and freedoms of natural persons, in particular their right to privacy, with respect to the processing of personal data…. the exception provided for in the second indent of Article 3(2) of that directive*** *must be narrowly construed****". (Paragraphs 27 and 29; my emphasis).***

> ***"Consequently… the operation of a camera system, as a result of which a video recording of people is stored on a continuous recording device such as a hard disk drive, installed by an individual on his family home for the purposes of protecting the property, health and life of the home owners, but which also monitors a public space,*** *does not amount to the processing of data in the course of a purely personal or household activity...****".***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-fond li miegħu ġew installati l-kameras *de quo* huwa propjetà tal-akkużat u li, skontu, installhom għaliex ftit żmien qabel kienu daħlu xi nies f'dak il-fond mingħajr il-kunsens tiegħu. Qal li l-kameras għamilhom biex ma jerġgħux jidħlu ġo ħwejġu stress.

JIrriżulta mill-atti illi għalkemm l-akkużat installa tlett cameras, il-kamera li dwarha qed jilmentaw il-kwerelanti hija dik installata fuq in-naħa ta' wara tal-fond *de quo* u li tagħti għal fuq l-għelieqi li jagħmlu użu minnhom huma stess. Illi għalhekk, filwaqt li ż-żewġ kameras installati fuq quddiem tal-propjetà, ġew installati wkoll mingħajr il-kunsens tal-kwerelanti, il-focus ta' dawn il-proċeduri hija t-tielet kamera ta' fuq wara tal-fond. Jirriżulta illi din il-kamera hija tat-tip li ddur waħedha u tiġbed filmati minn bosta angoli differenti. Jirriżluta wkoll li l-ewwel għalqa li tmiss mal-appoġġ tal-fond tal-akkużat, hija propjetà tal-istess akkużat.

Illi minn dan jemerġi illi fl-ewwel lok ma tressqet ebda prova li l-fond *de quo*, fiż-żmien meta ġew installati l-kameras, kien jammonta għal "family home". Anzi, l-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li dawn il-kameras twaħħlu biex ma jidħlux terzi persuni fil-fond jindika propju li fiż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri l-fond kien battal. Fit-tieni lok, jirriżulta wkoll li l-kamera li ġiet installata fuq wara tal-fond ma tiġbidx spazji pubbliċi iżda tiġbed kemm l-għalqa tal-akkużat kif ukoll l-għelieqi tal-kwerelanti. Mhux l-istess jista' jingħad għaż-żewġ kameras installati fuq quddiem tal-fond, li jidher li huma ta' angolu wieħed u jiffoka fuq l-entraturi tal-fond de quo, għalkemm jista' jkun li jiġbdu wkoll l-spazji pubbliċi tal-bankina.

Illi fis-sentenza sopra msemmija, **Il-Pulizija vs Michael (Michael-Joseph Hudson) u Sylvia Mary Hudson**, il-Qorti kompliet tgħid:

> *"Issa għalkemm ma jirriżultax mill-atti jekk din il-kamera tas-sigurta' taqbadx xi postijiet pubbliċi jew toroq jew spazji pubbliċi, huwa ndubitat illi kienet qed tiġbed filmati kontinwi ta' żona li għalkemm hija proprjeta' privata, madanakollu ma tappartjeniex unikament lill-appellanti, iżda hija proprjeta ukoll tal-kwerelanti fejn allura l-appellanti kienu qegħdin b'mod kontinwu u mingħajr awtoriżżazzjoni jipproċessaw data b'mod ininterrot tal-attivita' li jistgħu talvolta jkunu involuti fiha l-kwerelanti. Illi għalkemm l-appellanti jikkontendu illi dan qed jagħmluh għal għan leġittimu sabiex jilqgħu minn xi periklu għal uliedhom u biex iżommu lil kwerelanti milli jħammġu il-partijiet komuni, madanakollu kif deċiż fil-każ ta' Rynes hawn fuq iċċitat, li kien installa kameras ta' sigurta minħabba li kien qed jiġi derubat, dan ma huwiex l-interess leġittimu li jkopri dan ir-Regolament. Illi mhux biss, iżda, il-liġi stess tqis illi l-ipproċessar ma għandux iwassal għal vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tas-suġġett tad-data.*
>
> *Issa jirriżulta li l-camera tal-appellanti ġiet mqiegħda f'dik id-direzzjoni partikolari mingħajr il-kunsens espress tal-kwerelanti, sabiex b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, twieled dan l-istat anti-ġuridiku. Dan għaliex huwa indubitat illi il-kwerelanti għandhom dritt għal godiment tal-ħajja privata tagħhom mingħajr ma dawn ikunu mgħassa kontinwament u illi dik is-sorveljanza tkun regolamentata bil-liġi."*

Illi jirriżulta mill-atti li l-kamera ta' fuq wara tal-fond twaħħlet b'mod li minflok tiffoka esklussivament internament fil-fond de quo, twaħħlet biex tiġbed l-ambjenti tal-madwar, inkluż dawk tal-kwerelanti, mingħajr il-kunsens tagħhom. Illi hija l-fehma tal-Qorti li l-akkużat seta' faċilment jilħaq l-għan li jissalvagwardja l-fond minn dħul illeċitu billi jew jiftiehem mal-kwerelanti biex flimkien jagħlqu l-aċċess għal-terzi persuni mhux awtorizzati jew ibiddel kompletament id-direzzjoni tal-kamera.

Illi finalment, l-installazzjoni ta' din it-tielet kamera ma toħloq ebda reat aktar gravi minn dak maħsub bl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-elementi ta' dan ir-reat.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Ronald Debrincat **ħati** ta' l-akkuża kif dedotta kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-akkużat sabiex fi żmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza jneħħi l-kamera li qiegħda installata fuq il-ħajt ta wara tal-fond, u li tidher fir-ritratt immarkat "MP1" a fol. 24 tal-atti proċesswali.

A tenur tal-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**